



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A8-0138/2017**

31.3.2017

# **RAPPORT**

dwar il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd fir-Reġjuni Ultraperiferiċi  
(2016/2016(INI))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Ulrike Rodust

**WERREJ**

	<b>Pàġna</b>
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	3
NOTA SPJEGATTIVA.....	13
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	18
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI.....	22
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	27
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI.....	28

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### dwar il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd fir-Reġjuni Ultraperiferiċi (2016/2016(INI))

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), li jirrikonoxxi status partikolari għar-reġjuni ultraperiferiċi u li jipprevedi l-adozzjoni ta' "miżuri speċifiċi" li jippermettu l-implimentazzjoni sħiħa tat-Trattati u tal-politiki komuni,
- wara li kkunsidra s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fil-Każijiet Konġunti C-132/14 sa C-136/14 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 349 tat-TFUE, li jenfasizza li l-Artikolu 349 jippermetti derogi mhux biss mit-trattati iżda wkoll mid-dritt sekondarju,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 174 u dawk segwenti tat-TFUE, li jistabbilixxu l-oġettiv ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u jispeċifikaw l-istrumenti finanzjarji strutturali sabiex jintlaħaq dan,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 43 tat-TFUE,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, speċifikament l-Artikoli 8, 11, 13, 41, u partikolarment l-Artikoli 70 sa 73 tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388/2014 tas-16 ta' Diċembru 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-ġħajnuna lil impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2014 tat-28 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd fir-rigward tal-kriterji għall-kalkolu ta' spejjeż addizzjonali mġarrba mill-operaturi fis-sajd, it-trobbija, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd u l-akkwakultura mir-reġjuni l-aktar imbiegħda,
- wara li kkunsidra r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/531 tal-24 ta' Novembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidentifika l-ispejjeż li huma eliġibbli għall-ġħajnuna tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd sabiex jittejjbu l-kundizzjonijiet tal-iġjene, tas-saħħa, tas-sigurtà u tax-xogħol tas-sajjieda, sabiex jiġu protetti u rkuprati l-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, sabiex jittaffa t-tibdil fil-klima u sabiex tiżdied l-

effiċjenza enerġetika tal-bastimenti tas-sajd,

- wara li kkunsidra l-komunikazzjonijiet mill-Kummissjoni Ewropea dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi, u b'mod partikolari l-komunikazzjoni tal-20 ta' Ġunju 2012 bl-isem "Ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea: lejn sħubija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" (COM(2012)0287),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu dwar ir-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari r-risoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-ottimizzazzjoni tal-potenzjal tar-reġjuni ultraperiferiċi permezz tal-ħolqien ta' sinerġiji bejn il-fondi strutturali tal-UE u programmi oħra tal-UE<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1385/2013 tas-17 ta' Diċembru 2013 li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 u (KE) Nru 1224/2009, u r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1379/2013 u (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, wara l-emenda tal-istatus tal-Mayotte fir-rigward tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/238 tal-10 ta' Frar 2015 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Seychelles dwar l-aċċess għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet u r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar tal-Mayotte, taħt il-ġurisdizzjoni tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ewwel rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, tal-24 ta' Settembru 2010, dwar l-impatt tar-riforma tal-POSEI tal-2006 (COM(2010)0501),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-JJ/XX/2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-flotot tas-sajd esterni, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjonijiet tiegħu tat-12 ta' April 2016 dwar innovazzjoni u diversifikazzjoni tas-sajd kostali artiġjanali fir-reġjuni li jiddependu mis-sajd<sup>2</sup> u dwar regoli komuni fid-dawl tal-applikazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-PKS, inklużi l-Ftehimiet dwar is-Sajd<sup>3</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Frar 2016 dwar is-sitwazzjoni speċjali tal-gżejjer<sup>4</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu, tat-22 ta' Novembru 2012, dwar is-sajd kostali fuq skala żgħira, is-sajd artiġjanali u r-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd<sup>5</sup>,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni leġislattiva tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 639/2004 dwar

<sup>1</sup> Testi adottati, P7\_TA(2014)0133.

<sup>2</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0109.

<sup>3</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0110.

<sup>4</sup> Testi adottati, P8\_TA(2016)0049.

<sup>5</sup> Testi adottati, P7\_TA(2012)0460.

l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-iktar periferiċi tal-Komunità<sup>1</sup> li tissuġġerixxi estensjoni tad-deroga applikabbli għar-reġjuni ultraperiferiċi għal tliet snin aktar sal-2011,

- wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1207/2008 tat-28 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 639/2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-aktar periferiċi tal-Komunità, li jagħti deroga applikabbli għar-reġjuni ultraperiferiċi għal tliet snin aktar sal-2011,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 791/2007 li jintroduċi skema bħala kumpens għall-ispejjeż addizzjonali magħmula fil-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti tas-sajd mir-reġjuni l-aktar imbiegħda l-Azores, il-Madeira, il-Gżejjer Kanari, il-Guiana Franċiża u r-Réunion, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu, li jiddisponi li "[s]al-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni għandha (...) tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-kumpens, flimkien fejn meħtieġ, ma' proposti leġiżlattivi",
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 639/2004 tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-amministrazzjoni tal-flotot tas-sajd reġistrati fir-reġjuni l-iktar periferiċi tal-Komunità,
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat,
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni 49/2016 tal-10 ta' Novembru 2016 bl-isem "Il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani: aġengda għall-futur tal-oċeani tagħna",
  - wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 11/2015 tal-20 ta' Ottubru 2015 tal-Qorti tal-Awdituri bl-isem "Il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd huma mmaniġġjati tajjeb mill-Kummissjoni?"
  - wara li kkunsidra l-pjanijiet ta' azzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi għall-programmazzjoni tal-fondi Ewropej 2014–2020,
  - wara li kkunsidra l-kontributi konġunti u d-dokumenti tekniċi u politiċi tal-Konferenza tal-Presidenti tar-Reġjuni Ultraperiferiċi tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dikjarazzjoni finali tal-21 konferenza li seħħet fit-22 u t-23 ta' Settembru 2016,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits u tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A8-0138/2017),
- A. billi l-pożizzjoni ġeografika tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-Karibew, l-Oċean Indjan u l-Oċean Atlantiku tindika li territorji tal-Unjoni Ewropea jinsabu f'diversi baċiri tal-baħar u kontinenti u li r-reġjuni ultraperiferiċi huma ġirien ta' diversi pajjiżi terzi;

---

<sup>1</sup> ĠU C 15E, 21.1.2010, p. 135.

- B. billi f'dawn l-aħħar snin il-pessjoni tas-sajd żdiedet fiż-żoni ekonomiċi esklużivi (ŻEE) ta' xi reġjuni ultraperiferiċi, bejn il-limiti ta' 100 u 200 mil, u billi s-sajd ikkonċernat qed jitwettaq prinċipalment minn flotot li ma jappartjenux għar-reġjuni ultraperiferiċi kkonċernati;
- C. billi l-UE għandha bżonn tassumi responsabilitajiet fil-qasam marittimu tar-reġjuni ultraperiferiċi, u billi ż-ŻEE tagħhom jammontaw għal proporzjon kbir taż-ŻEE totali tal-UE;
- D. billi s-setturi tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi għandhom jitqiesu fl-isfond ta' sitwazzjoni strutturali, soċjali u ekonomika partikolari (l-Artikolu 349 tat-TFUE), li tirrikjedi konsiderazzjoni speċifika u adattata tal-politiki komuni Ewropej;
- E. billi s-settur tas-sajd għandu ħiliet u potenzjal konsiderevoli biex jiżviluppa;
- F. billi t-tniġġis tal-baħar minħabba l-klordekon huwa speċifiku għall-Antilli u qed ikollu impatt sinifikanti fuq iż-żoni tas-sajd awtorizzati, kif ukoll fuq il-preżenza ta' speċijiet invażivi;
- G. billi l-iżolament tar-reġjuni ultraperiferiċi ġie rikonoxxut u jitqies bħala prinċipju ġenerali fid-dritt tal-Unjoni, u b'hekk jiġġustifika u jippermetti l-istabbiliment ta' reġim ta' kumpens għall-ispejjeż addizzjonali għas-sajd u l-akkwakultura f'dawn ir-reġjuni;
- H. billi l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), li tfasslu biex jindirizzaw il-problemi u l-isfidi tal-Ewropa kontinentali, jippermettu approċċ differenzjat għar-reġjuni ultraperiferiċi, iżda jistgħu biss jipprovdu reazzjoni limitata għall-karatteristiċi speċifiċi tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi;
- I. billi r-reġjuni ultraperiferiċi jqisu li qed jiġu trattati b'mod inġust u penalizzati darbtejn mill-PKS (peress li ma kellhom l-ebda aċċess għall-għajjnuna preċedenti għat-tiġdid tal-flotta u issa qed iħabbtu wiċċhom mal-projbizzjoni attwali fuq l-għajjnuna għat-tiġdid);
- J. billi setturi importanti tal-flotta tas-sajd tar-reġjuni ultraperiferiċi sa reċentement ma kenux irregolati, jew ma kenux jiddaħħlu fir-reġistru tal-flotta, u għalhekk ma kellhom l-ebda aċċess għall-FEMS għall-modernizzazzjoni;
- K. billi wieħed mill-oġettivi tal-PKS huwa li tippromwovi attivitajiet tas-sajd, b'kont meħud tal-kwistjonijiet soċjoekonomiċi;
- L. billi r-regoli li jirregolaw l-aċċess għar-riżorsi għandhom jiffavorixxu l-flotot lokali u tipi iktar selettivi ta' sajd li jagħmlu anqas ħsara lill-istokkijiet;
- M. billi, bħala prinċipju ta' governanza tajba, il-PKS tipproma tiżgura li jkun hemm koerenza bejn id-dimensjoni interna u dik esterna tagħha;
- N. billi livell imdaqqas ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU) iseħħ f'xi wħud miż-ŻEE ta' xi reġjuni ultraperiferiċi<sup>1</sup> u fil-baċiri tal-baħar madwar oħrajn;

<sup>1</sup> "Riċerka għal Kumitat PECH – Il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd fir-Reġjuni Ultraperiferiċi", id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament Ewropew, Dipartiment tal-Politika B (IP/B/PECH/IC/2016\_100); il-

- O. billi r-reġjuni ultraperiferiċi huma affettwati minn uħud mill-ogħla livelli ta' qgħad fl-UE (sa 60 % ta' qgħad fost iż-żgħażaġħ f'ċerti reġjuni ultraperiferiċi);
- P. billi l-FEMS, fost affarijiet oħra, jipprevedi appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi, magni u żvilupp lokali mmexxi mill-komunità b'ċerti kondizzjonijiet;
- Q. billi l-FEMS iqis li dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli: operazzjonijiet li jżidu l-kapaċità tas-sajd ta' bastiment, tagħmir li jżid il-ħila ta' bastiment li jsib il-ħut, u bini ta' bastimenti tas-sajd ġodda jew importazzjoni ta' bastimenti tas-sajd;
- R. billi l-FEMS jista', madankollu, jipprovdi għajnuna finanzjarja għall-bastimenti sabiex jitjiebu l-effiċjenza tal-enerġija, is-sigurtà, l-iġjene abbord u l-kwalità tal-prodotti tas-sajd, kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol;
- S. billi l-FEMS jappoġġja proġetti innovattivi bħal sistemi ta' ġestjoni u organizzazzjoni;

***Dispożizzjonijiet dwar il-partikolaritajiet u l-kundizzjonijiet ġeografiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi***

1. Iqis li s-sajd sostenibbli, bl-użu ta' tipi ta' tagħmir tradizzjonali, huwa l-bażi għal komunitajiet tas-sajd mal-kosta għonja, u jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-ikel fir-reġjuni ultraperiferiċi; jisħaq, f'dan il-kuntest, fuq il-ħtieġa li s-sajd lokali jiġi involut fil-kisba tas-sigurtà alimentari għall-komunitajiet lokali, peress li s-sigurtà alimentari fir-reġjuni ultraperiferiċi bħalissa tiddependi wisq fuq l-importazzjonijiet;
2. Ifakkar li l-PKS u l-FEMS, imfasslin biex jindirizzaw il-problemi u l-isfidi tal-Ewropa kontinentali, jirrispondu b'mod limitat għall-ispeċifitàjiet tas-sajd f'dawn ir-reġjuni, li ma jistgħux jiġu applikati b'mod uniformi għall-isfidi u l-ispeċifitàjiet tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi, u li dawn irid ikollhom ċertu grad ta' flessibilità u prammatiżmu jew ikunu suġġetti għal derogi; jitlob, għalhekk, li tiġi żviluppata strateġija f'kull baċir tal-baħar reġjonali mfassla apposta għas-sitwazzjoni speċifika ta' kull wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi;
3. Jenfasizza l-preżenza fir-reġjuni ultraperiferiċi ta' varjetà wiesgħa ta' komunitajiet żgħar li huma dipendenti ħafna mill-sajd tradizzjonali, kostali u fuq skala żgħira u li għalihom is-sajd spiss ikun l-uniku mezz ta' għajxien;
4. Ifakkar li r-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar madwar ir-reġjuni ultraperiferiċi għandhom jiġu partikolarment protetti u li għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sajd; jenfasizza, għalhekk, li l-bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-portijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi biss għandhom jithallex jistadu f'ilmijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi;
5. Ifakkar li l-qiegħ tal-baħar tar-reġjuni ultraperiferiċi huwa laboratorju tassew ħaj tal-bijodiversità; jenfasizza l-importanza tar-riċerka u l-ġbir ta' data sabiex jitjeb l-għarfien dwar l-oċeani; jisħaq fuq il-potenzjal tar-reġjuni ultraperiferiċi biex iservu ta' portalli tassew xjentifiċi fl-ambjenti rispettivi tagħhom, u jstieden lill-Istati Membri rispettivi u lill-Kummissjoni jsaħħu l-appoġġ għall-proġetti rilevanti ta' riċerka xjentifika;

---

programm operattiv tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) għal Franza.

6. Jenfasizza l-bżonn li jinżamm il-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd skont il-prinċipju ta' prekawżjoni u b'kont meħud tar-realtajiet soċjoekonomiċi; iqis, madankollu, li dan ma jistax jiġġustifika t-tneħħija tal-investiment fil-ġbir ta' data u t-titjib tal-ġharfien xjentifiku dwar l-ekosistemi tal-baħar; jitlob li t-tqassim tal-kwoti għal xi speċijiet jiġi rivedut (bħal żieda fil-kwota tat-tonn għall-Azores) u li jinfetħu opportunitajiet ta' qbid għal oħrajn (bħal pereżempju għall-murruna sewda), fuq il-bażi ta' studji xjentifiċi u t-tiżni tal-kapaċità teknika u materjali b'rabta mal-valutazzjoni tal-ekosistema;
7. Jiġbed l-attenzjoni li f'xi reġjuni ultraperiferiċi l-flotot tas-sajd huma taħt il-limiti tal-kapaċità stabbiliti mill-PKS, minħabba partikolarment in-nuqqas ta' aċċess għal finanzjament;
8. Jinnota li, minħabba d-diffikultajiet klimatiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, is-sajjieda f'dawn ir-reġjuni qed ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' tixjiħ bikri tal-bastimenti tagħhom, ħaġa li qed tikkawża problemi ta' sikurezza u effikaċja u tagħmel il-kundizzjonijiet tax-xogħol anqas attraenti minn f'bastimenti moderni;
9. Jenfasizza l-fatt li fir-rapport tiegħu tal-2016, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF)<sup>1</sup> ma setax jivvaluta l-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd għall-flotot kollha li joperaw fir-reġjuni ultraperiferiċi bħala riżultat ta' data bijoloġiċi insuffiċjenti; jitlob li jiġu allokati aktar fondi, taħt il-FEMS u fondi oħra, għall-akkwist ta' riżorsi tekniċi għall-valutazzjoni tal-ekosistema minn istituti xjentifiċi u l-universitajiet; iqis, f'dan ir-rigward, li huwa kruċjali li data affidabbli dwar l-istat tar-riżorsi u l-prattiki f'dawn fiż-ŻEE ultramarittimi jkunu disponibbli u aċċessibbli;
10. Jenfasizza li l-flotot tas-sajd kostali tar-reġjuni ultraperiferiċi jikkonsistu prinċipalment minn bastimenti li qed jiġdiemu, u dan jirriżulta f'diffikultajiet fir-rigward tas-sikurezza abbord;
11. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma rnexxilhiex tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 639/2004 qabel l-iskadenza tat-30 ta' Ġunju 2012; iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttiprovdi aktar informazzjoni dwar ir-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni li ma tippubblikax dan ir-rapport.
12. Jiddispjaċih li d-dewmien fl-adozzjoni tal-FEMS u, konsegwentement, fl-approvazzjoni tal-Programmi Operazzjonali tal-FEMS, wassal għall-implimentazzjoni tard tad-dispożizzjonijiet ta' appoġġ tal-FEMS, li min-naħa tagħha rriżultat f'diffikultajiet finanzjarji serji għal xi impriżi fir-reġjuni ultraperiferiċi;
13. Jilqa' d-dispożizzjonijiet speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi fil-FEMS, bħall-kumpens għall-ispejjeż addizzjonali (sussidju ta' 100 % mill-FEMS) – li huwa oġġla milli fil-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti, iżda xorta mhux biżżejjed għal ċerti reġjuni ultraperiferiċi – u ż-żieda ta' 35 % fl-intensità tal-ġajjnuna pubblika għal miżuri oħra fir-reġjuni ultraperiferiċi;

---

<sup>1</sup> Rapporti tal-iSTECF – Valutazzjoni tal-indikaturi tal-bilanċ għal segmenti ewlenin tal-flotta u r-reviżjoni ta' rapporti nazzjonali fuq l-isforzi tal-Istati Membri biex jinkiseb bilanċ bejn il-kapaċità tal-flotta u l-opportunitajiet tas-sajd (STECF-16-18)



14. Josserva d-diffikultà, anzi l-impossibilità, biex xi sajjieda fir-reġjuni ultraperiferiċi jkollhom aċċess għal kreditu u/jew assigurazzjoni għall-bastimenti tagħhom, ħaġa li qed tikkawża problemi ta' sikurezza u restrizzjonijiet ekonomiċi għal dawn is-sajjieda;
15. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li fir-reġjuni ultraperiferiċi d-dgħajjes żgħar jiffurmaw il-biċċa l-kbira tal-bastimenti rreġistrati; jenfasizza li f'xi reġjuni ultraperiferiċi d-dgħajjes żgħar għandhom aktar minn 40 sena, u li dan johlq problemi reali ta' sikurezza;
16. Jenfasizza l-effett multiplikatur ekonomiku tas-self mill-Bank Ewropew tal-Investment u mill-fondi tal-UE, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi;

***Użu aħjar mill-possibilitajiet previsti skont l-Artikolu 349 tat-Trattat u l-PKS***

17. Iqis li Kunsill Konsultattiv separat għar-reġjuni ultraperiferiċi, kif previst fil-PKS, huwa pjattaforma xierqa għal skambju essenzjali ta' għarfien u esperjenza, u jiddispjaċih, għalhekk, li l-Kunsill Konsultattiv għar-reġjuni ultraperiferiċi għadu ma twaqqafx;
18. Jitlob l-applikazzjoni bis-sħiħ tal-Artikolu 349 TFUE fil-politiki, ir-regolamenti, il-fondi u l-programmi tal-UE relatati mas-sajd, b'mod partikolari l-FEMS, sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet speċifiċi li jħabbtu wiċċhom magħhom ir-reġjuni ultraperiferiċi;
19. Huwa tal-fehma li l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità huwa approċċ promettenti u li l-Istat Membru rispettiv għandu jagħmel l-aħjar użu mill-possibilitajiet previsti fil-FEMS biex jappoġġja dan it-tip ta' żvilupp lokali fir-reġjuni ultraperiferiċi;
20. Jiġbed l-attenzjoni għall-importanza li jitwaqqfu gruppi ta' azzjoni lokali tas-sajd (FLAGs), li huma rikonoxxuti bħala mezz importanti ta' appoġġ u opportunitajiet biex jiġu ddiversifikati l-attivitajiet tas-sajd;
21. Jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tipproponi atti leġislattivi fir-rigward tal-ispejjeż ta' iġjene, saħħa u investimenti relatati mas-sikurezza u investimenti relatati mal-kondizzjonijiet tax-xogħol, tiffaċilita approċċ olistiku u mfassal apposta kif xieraq;
22. Jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tipproponi atti leġislattivi fir-rigward tal-kriterji għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, tqis ukoll l-impatt tal-kondizzjonijiet klimatiċi u ġeografiċi u l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi;
23. Jiddeplora l-livell sinifikanti ta' sajd IUU li jsir fiż-ŻEE ta' xi reġjuni ultraperiferiċi attribwibbli kemm għall-bastimenti domestiċi kif ukoll għal dawk barranin, u fl-ibħra tal-madwar fil-każ ta' oħrajn; jirrimarka li, għall-parti domestika, tali Prattiki jirriżultaw ukoll minn kwistjonijiet ta' provvista lokali tal-ikel; jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali jsaħħu l-ġlieda kontra s-sajd IUU;
24. Jinkoraġġixxi, għalhekk, l-introduzzjoni ta' miżuri attivi (eż. sorveljanza) u passivi, bħal negozjati mal-pajjiżi ġirien tar-reġjuni ultraperiferiċi li magħhom għadhom ma ġewx iffirmati; Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli;
25. Jistieden lill-partijiet kollha involuti jħaffu l-implimentazzjoni tal-FEMS u jużaw l-

opportunitajiet li tipprovdi biex jinvestu b'mod qawwi fil-modernizzazzjoni tal-flotta – titjib tas-sikurezza, l-iġjene abbord, l-effiċjenza enerġetika u l-kwalità tal-prodotti tas-sajd – kif ukoll fil-portijiet tas-sajd, is-siti tal-iżbark u l-akkwakultura, sabiex jiġġeneraw opportunitajiet ġodda fis-suq; jitlob ukoll li jiġi applikat ir-reġim ta' kumpens għall-ispejjeż addizzjonali sabiex is-settur isir aktar vijabbli;

26. Jitlob li jiġu kkunsidrati b'mod ġenwin l-interessi tar-reġjuni ultraperiferiċi meta jiġu konklużi ftehimiet tas-sajd ma' pajjiżi terzi, anke billi jiġu stipulati l-obbligi tal-ħatt l-art fir-reġjuni ultraperiferiċi jew l-impjieġ ta' persunal li joriġina mir-reġjuni ultraperiferiċi fuq il-bastimenti;
27. Jenfasizza l-ħtieġa li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt għar-reġjuni ultraperiferiċi kulmeta dawn ikunu affettwati minn ftehimiet tas-sajd konklużi bejn l-UE u pajjiżi terzi, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 349 tat-TFUE;
28. Jinnota li jista' jkun meħtieġ ristrutturar tas-settur tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi sabiex tiġi żgurata ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut u li, jekk ikun meħtieġ, għandu jiġi kkunsidrat tnaqqis tal-għadd ta' bastimenti;
29. Iqis li, f'każijiet fejn it-tnaqqis fil-kapaċità jkun meħtieġ skont l-Artikolu 22 tar-Regolament 1380/2013, għandha tingħata preferenza biex jiżammu l-bastimenti skont il-kriterji speċifikati fl-Artikolu 17 tal-istess regolament;
30. Jitlob lill-Istati Membri biex, meta jimplementaw id-dispożizzjoni tal-PKS dwar l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd, jagħtu attenzjoni partikolari lis-sajd artiġjanali u tradizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi, li jikkontribwixxi għall-ekonomija lokali u għandu impatt baxx fuq l-ambjent;
31. Ihegġegħ lill-Istati Membri li għandhom reġjuni ultraperiferiċi jieħdu l-miżuri xierqa kollha u jkomplu bi skemi ta' għajjuna speċifiċi bħalma huma l-mudelli speċjali tat-taxxa;
32. Iqis li l-ġbir tad-data dwar l-istokkijiet u l-valutazzjoni tal-impatt ta' bastimenti fuq skala żgħira fir-reġjuni ultraperiferiċi għandhom jitjiebu sabiex tissaħħaħ il-bażi xjentifika għall-opportunitajiet tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi;
33. Ifakkar li r-reġjuni ultraperiferiċi jiddependu mill-istokkijiet tas-sajd fiż-ŻEE tagħhom, li huma bijoloġikament vulnerabbli ħafna; iqis, b'mod partikolari f'dan il-kuntest, li daww id-data dwar is-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi għandhom ikunu fost il-prijoritajiet għall-ġbir tad-data;
34. Jenfasizza li peress li l-akkwakultura tista' tirriżulta f'possibilitajiet ġodda ta' produzzjoni u prodotti ta' kwalità għolja, il-potenzjal tagħha għandu jiġi sfruttat aħjar fir-reġjuni ultraperiferiċi – b'appoġġ qawwi min-naħa tal-Unjoni Ewropea, minħabba il-kompetizzjoni reġjonali qawwija ħafna — u jistieden lill-Kummissjoni tinkoraġġixxi u tappoġġja proġetti għall-iżvilupp tal-akkwakultura;
35. Jistieden lill-Istati Membri u lir-reġjuni ultraperiferiċi jagħmlu l-aħjar użu mir-regoli de-minimis u/jew ta' eżenzjoni ta' kategorija previsti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE)

Nru 1388(2014)<sup>1</sup>;

36. Jistieden lill-Istati Membri jstimulaw l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej u jenfasizzaw is-sinerġiji bejn il-fondi differenti fir-reġjuni ultraperiferiċi, sabiex jiġu żviluppati opportunitajiet ekonomiċi għall-atturi kollha fl-ekonomija blu; jinkoraġġixxi, b'mod partikulari, l-investment fi proġetti li jagħmlu x-xogħol fil-qasam tas-sajd aktar attraenti, proġetti li jiġbdu aktar zgħażaġh u proġetti li jintroduċu metodi ta' sajd selettiv u jgħinu biex jiġi żviluppat is-sajd;
37. Jappoġġja l-istabbiliment, bħala parti minn Orizzont 2020, tal-programmi ta' riċerka u żvilupp fil-qasam tas-sajd li jiġibu flimkien id-diversi operaturi ekonomiċi u soċjali, u b'hekk jgħinu l-iżvilupp ta' teknoloġiji u metodi ta' sajd ġodda li huwa kapaċi jagħtu spinta lill-kompetittività tas-settur u jssaħħu l-potenzjal tiegħu għat-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi fost il-popolazzjonijiet lokali;
38. Jirrakkomanda li l-PKS tal-ġejjieni tikkunsidra bis-sħiħ l-elementi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi u tippermettilhom iwettqu l-potenzjal ekonomiku, soċjali u ambjentali qawwi maħluq mill-iżvilupp sostenibbli u razzjonali tas-setturi tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi; jinnota, f'dan il-kuntest, il-bżonn li tiġi kkunsidrata mill-ġdid il-bażi tas-segmentazzjoni tal-flotot – bil-għan li tiġi żgurata evalwazzjoni oġġettiva bejn l-opportunitajiet tas-sajd u l-kapaċità tas-sajd tal-flotta artiġjanali tar-reġjuni ultraperiferiċi, li tuża rkaptu tas-sajd selettiv ħafna – billi jitrawwem it-titjib tal-karatteristiċi tekniċi tal-flotta b' qawwa u/jew stabbiltà ta' propulsjoni prekarji li jisgħu joħlqu riskju għas-sikurezza tal-ekwipaġġ f'kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, f'konformità mal-kriterji xjentifiċi oġġettivi użati fil-bini tal-bastimenti, mingħajr ma jingħata lok għal żieda fl-attività tas-sajd mhux sostenibbli;
39. Minħabba li r-reġjuni remoti huma oqsma b'potenzjal straordinarju, iqis li huwa importanti li jitħeġġeġ l-investment, u li jiġu promossi d-diversifikazzjoni u l-innovazzjoni fis-settur tas-sajd, bil-għan li jissaħħaħ l-iżvilupp ekonomiku;
40. Jipproponi li tiżdied l-intensità tal-ghajjnuna għas-sostituzzjoni tal-magni fir-reġjuni ultraperiferiċi fejn l-evidenza xjentifika tindika li l-kondizzjonijiet klimatiċi u t-tibdil fil-klima għandhom impatt negattiv deċiżiv fuq il-flotot tas-sajd tar-reġjuni ultraperiferiċi;
41. Jitlob lill-Kummissjoni tesplora l-possibilità li tistabbilixxi, malajr kemm jista' jkun, strument iddedikat speċifikament għall-appoġġ tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi, bħall-iskema POSEI għall-agrikoltura, li jagħmel possibbli l-isfruttar xieraq tal-potenzjal tas-sajd; jemmen li għandha tingħata kunsiderazzjoni għall-possibilità li jinġiebu flimkien f'dan l-istrument speċifiku, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 8 (l-ghajjnuna mill-Istat), l-Artikolu 13(5) (Riżorsi baġitarji taħt ġestjoni kondiviża), l-Artikolu 70 (Sistema ta' kumpens), l-Artikolu 71 (Kalkolu tal-kumpens), l-Artikolu 72 (Pjan ta' kumpens) u l-Artikolu 73 (ghajjnuna mill-Istat għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' kumpens) eżistenti fil-qafas tal-FEMS;

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1388(2014) tas-16 ta' Diċembru 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-ghajjnuna lil impriżi attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern b'applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE.

42. Jipproponi li jiżdiedu l-kapaċitajiet ta' ċerti segmenti tal-flotot tar-reġjuni ultraperiferiċi, dment li jkun intwera xjentifikament li r-rata ta' sfruttament ta' ċerti riżorsi tas-sajd tista' tiżdied mingħajr ma jiġu kompromessi l-oġġettivi tas-sajd sostenibbli;
43. Jinnota li r-rinovazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-flotta artiġjanali fuq skala żgħira tar-reġjuni ultraperiferiċi, li tuża rkaptu tas-sajd selettiv ħafna, jistgħu jtejbu s-sikurezza tal-ekwipaġġ f'kundizzjonijiet ħżiena tat-temp, sakemm dan isir f'konformità ma' kriterji oġġettivi xjentifiċi għall-arkitettura navali u li ma jikkawżax żbilanċ bejn l-oportunitajiet tas-sajd u l-kapaċità tas-sajd;
44. Jirrakkomanda l-ħolqien ta' inċentivi aħjar taħt FEMS futur biex iż-żgħażaġh jitħeġġu jaħdmu fl-ekonomija marittima, partikolarment permezz ta' taħriġ vokazzjonali u permezz tal-promozzjoni ta' miżuri li jtejbu l-introjt, is-sigurtà tal-impjieg u l-organizzazzjoni sostenibbli ġenerali tal-ekonomija marittima fir-reġjuni ultraperiferiċi;
45. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Ir-reġjuni ultraperiferiċi jinkludu disa' reġjuni tal-UE, li huma parti minn Franza (Guadeloupe, il-Guyana Franċiża, Réunion, Martinique, Mayotte u Saint-Martin), il-Portugall (Madeira u Azores) u Spanja (il-Gżejjer Kanarji).

Bl-eċċezzjoni tal-Guyana Franċiża, dawn ir-reġjuni huma gżejjer u arċipelagi. Diversi aspetti jiddistingwu dawn ir-reġjuni minn reġjuni oħra tal-UE. L-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fih il-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi. Dawn jinkludu d-distanza, l-insularità, is-superfiċje żgħira, l-art u t-temp diffiċli u d-dipendenza ekonomika fuq numru żgħir ta' prodotti.

Is-sitwazzjoni fl-Ewropa kontinentali fir-rigward tas-sajd ma tirriflettix is-sitwazzjoni fir-reġjuni ultraperiferiċi.

Ir-reġjuni ultraperiferiċi jenfasizzaw il-ħtieġa li jiġu modernizzati l-flotot tas-sajd tagħhom (bħala konsegwenza ta' dik li hija meqjusa bħala 'penali doppja') u li tiġi introdotta aktar flessibilità fid-dispożizzjonijiet ta' finanzjament għat-tiġdid tagħhom. Huma jqisu l-integrazzjoni tard tar-reġjuni ultraperiferiċi fil-PKS bħala r-raġuni għall-problemi speċifiċi li jiffaċċjaw il-flotot attwali. Dawn jinkludu d-daqs żgħir ta' bastimenti, kapaċità baxxa, u tnaqqis fl-awtonomija ta' bastimenti fuq il-baħar.

Barra minn hekk, il-flotot jitħallew jtkabru iktar malajr permezz tal-effetti klimatiċi negattivi milli f'reġjuni oħra tal-UE. Ħafna drabi l-flotot tas-sajd huma ftali stat ta' tħassir intollerabbli li jistgħu jipperikolaw is-sikurezza tas-sajjeda.

Fl-opinjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi, flotot aktar moderni jippermettu diversifikazzjoni tas-sajd u taż-żoni tas-sajd, żieda fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija tal-magni, għajnuma biex jintlaħqu l-istandards ta' iġjene u ta' sikurezza tal-UE, u titjib tal-kwalità tal-ħut.

Permezz ta' dan ir-rapport ta' inizjattiva, ir-rapporteur tixtieq prinċipalment twieġeb dawn il-mistoqsijiet li ġejjin:

- Ir-reġjuni ultraperiferiċi kif jistgħu jużaw aħjar ir-riżorsi tas-sajd tagħhom?
- Ir-regoli għall-ġestjoni tal-flotot skont il-PKS iqisu suffiċjement il-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi?
- Il-kundizzjonijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi jiġġustifikaw approċċ differenti għall-ġestjoni tal-flotot tas-sajd?
- Il-qafas politiku attwali huwa inkomplut jew jista' jittejjeb u, jekk iva, kif?

Abbażi tal-kondizzjonijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi, ir-rapport jiddeskrivi l-possibilitajiet u jipproponi miżuri fattibbli biex titjeb il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd.

Ir-rapport huwa li jiffoka fuq il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi u għaldaqstant ma jistax ikopri kwistjonijiet li jistgħu jaffettwaw is-sajd fir-reġjuni

ultraperiferiċi, iżda li mhumiex direttament marbuta ma' kwistjonijiet dwar il-ġestjoni tal-flotta.

Barra minn hekk, ir-rapport ma jidħolx fid-dettall dwar suġġetti li ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-Kumitat għas-Sajd, bħalma huma l-Politika ta' Koeżjoni tal-UE u r-Regolament tagħha dwar Dispożizzjonijiet Komuni, u l-kwistjonijiet relatati mat-trasport, il-kummerċ u l-ipproċessar.

Ir-rapporteur hija konxja mill-isfidi ta' livell għoli b'rabta mal-qgħad fir-regġuni ultraperiferiċi, il-livell baxx ta' possibilitajiet ta' taħriġ fis-settur tas-sajd, u l-attrawenza skarsa (kemm bħala raġuni u konsegwenza). Ir-rapport jista' jindirizza dawn il-kwistjonijiet b'mod indirett biss.

Is-sajd rikreattiv jiżdied flimkien mal-attività ta' turiżmu fir-regġuni ultraperiferiċi u għaldaqstant l-impatt relattiv tiegħu fuq l-istokkijiet tal-ħut jiżdied (speċjalment fiż-żoni kostali limitati tar-regġuni ultraperiferiċi). It-tema tas-sajd rikreattiv fir-regġuni ultraperiferiċi tista' tkun is-suġġett ta' inizjattivi futuri mill-Kumitat għas-Sajd.

### **L-approċċ tar-rapporteur sal-abbozz tar-rapport**

Inizjalment ġiet ikkummissjonata nota ta' informazzjoni mid-Dipartiment Tematiku B tal-Parlament Ewropew dwar "Il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd fir-regġuni ultraperiferiċi"; dan l-istudju ġie ppubblikat f'Novembru 2016.

Żewġ skambji ta' fehmiet ġenerali seħħew fil-Kumitat għas-Sajd. Barra minn hekk, ir-rapporteur ħejjiet abbozz ta' dokument ta' ħidma li ġie ppreżentat u diskuss fil-Kumitat.

Ir-rapporteur kienet f'kuntatt mill-qrib ma' partijiet interessati differenti u indirizzat il-Membri tal-Parlament Ewropew li jirrappreżentaw ir-regġuni ultraperiferiċi. Ir-rapporteur organizzat u attendiet ukoll laqgħat ma' sajjieda mir-regġuni ultraperiferiċi fi Brussell.

### **Oqsma ta' azzjonijiet**

#### **Tqabbil bejn ir-regġuni ultraperiferiċi u l-kontinent**

Bl-eċċezzjoni ta' ftit bastimenti kbar li prinċipalment jinsabu fil-Gżejjer Kanarji, il-flotot tas-sajd tar-regġuni ultraperiferiċi fil-maġġoranza kbira tagħhom jikkonsistu f'bastimenti fuq skala żgħira ta' inqas minn 12-il metru. Għalhekk, il-miżuri għar-regġuni ultraperiferiċi għandhom jittqiesu fl-isfond ta' dan il-fatt. Livelli baxxi ta' investimenti fil-flotot tas-sajd ma jippermettux sforzi lejn żieda fil-livelli tal-impjiegi, tal-attrawenza, tal-ħiliet u tal-edukazzjoni ta' sajjieda (potenzjali).

Filwaqt li l-bastimenti fuq skala żgħira fir-regġuni ultraperiferiċi Franċiżi u fl-Azores huma relattivament iġded mill-bastimenti fi Franza u fil-Portugall, il-bastimenti fil-Gżejjer Kanarji u f'Madeira huma eqdem mill-bastimenti kontinentali. L-għadd totali ta' bastimenti tas-sajd naqas f'dawn l-aħħar 10 snin fir-regġuni ultraperiferiċi kollha, u min-naħa l-oħra, is-setgħa totali tal-magni żdiedet għal Franza u l-Portugall.

Ir-regġuni ultraperiferiċi (ħlief il-Guyana Franċiża) jinsabu mdawrin minn xkafef doġoq ta' ibħra u kkaratterizzati minn diversità bijoloġika enormi. Fl-istess ħin, ir-regġuni ultraperiferiċi differenti jiffaċċjaw sitwazzjonijiet (inizjali) differenti. Pereżempju l-livell ta' żvilupp u

kapaċità amministrattiva jvarja ħafna bejn ir-reġjuni. Dan għandu jittqies fl-implimentazzjoni tal-PKS.

Il-PKS attwali ma fiha l-ebda deroga għar-reġjuni ultraperiferiċi b'rabta mar-regoli ġenerali dwar l-amministrazzjoni, ħlief għall-Mayotte. Madankollu, hija tipprovdi approċċ differenzjat għar-reġjuni ultraperiferiċi, bħal ebda aċċess għall-bastimenti li mhumiex reġistrati f'portijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi sa 100 mil nawtiku sal-31 ta' Diċembru 2022. Barra minn hekk, il-limiti massimi tal-kapaċità għar-reġjuni ultraperiferiċi huma stabbiliti fuq il-bażi ta' segmentazzjoni tal-flotta (l-Anness II tal-PKS).

Bl-eċċezzjoni tas-segmenti kollha tal-flotot fl-Azores u f'Madeira u bastimenti ta' inqas minn 12-il metru fi Guadeloupe u Saint-Martin, il-limiti tal-kapaċità ma ġewx sfruttati s'issa. F'dan il-kuntest, tqum il-kwistjoni dwar jekk l-approċċ settorjali huwiex ta' benefiċċju għar-reġjuni ultraperiferiċi jew jekk aktar flessibilità tkunx aktar xierqa.

Minħabba t-tnaqqis fl-istokkijiet fiż-żoni kostali, seħħet diversifikazzjoni lejn żoni u speċijiet lil hinn mill-kosta. L-attivitajiet offshore responsabbli jeħtieġu livell oġhla ta' affidabilità fuq l-ibħra u ta' adattamenti tal-magni.

### **L-istat tal-istokkijiet u d-data bijoloġiċi**

L-Istati Membri għandhom jipprovdu rapporti annwali dwar il-bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. Madankollu, minħabba n-nuqqas ta' data bijoloġiċi kif ukoll data għal flotot fuq skala żgħira, l-analiżi mhijiex konklużiva għar-reġjuni ultraperiferiċi.

Perċentwal żgħir biss ta' indikaturi tal-bilanċ huwa disponibbli għal segmenti tal-flotta tar-reġjuni ultraperiferiċi. Minn dawn huma nieqsa b'mod partikolari l-indikaturi bijoloġiċi.

Din hija r-raġuni għaliex ir-rapporteur tqis li huwa tal-akbar importanza li jiġu promossi ulterjorment programmi ta' ġbir ta' data fir-reġjuni ultraperiferiċi. Dan huwa saħansitra iktar importanti meta wieħed iżomm f'moħħu t-talba tar-reġjuni ultraperiferiċi għat-tiġdid u l-immodernizzar tal-bastimenti.

### **Appoġġ finanzjarju mill-FEMS – Possibilitajiet u ostakli**

Il-FEMS jipprevedi derogi għar-reġjuni ultraperiferiċi. Barra minn hekk, hu jinkludi dispożizzjonijiet li, fl-isfond tal-karatteristiċi tal-flotot attwali tar-reġjuni ultraperiferiċi, huma partikolarment rilevanti. Minħabba d-dewmien fl-approvazzjoni u konsegwentement fl-approvazzjoni mill-FEMS tal-programmi operattivi (PO), l-appoġġ ġie interrott u soluzzjonijiet temporanji, bħal kwoti interim, kellhom jinstabu.

Taħt il-FEMS l-iskema ta' kumpens għal spejjeż addizzjonali fir-reġjuni ultraperiferiċi ġiet mwessa' meta mqabbla mal-perjodu ta' programmazzjoni preċedenti. Il-pakkett finanzjarju żdied għal kull Stat Membru u żdied minn 15,6 miljun euro għal 27,5 miljun euro b'kollox.

L-Anness I tal-FEMS jispeċifika li operazzjonijiet li jinsabu fir-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu jibbenifikaw minn żieda ta' 35 %, jiġifieri punti perċentwali addizzjonali ta' intensità tal-ġajjnuna pubblika.

L-Artikolu 41 jelenka dispożizzjonijiet fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika u l-mitigazzjoni

tat-tibdil fil-klima. L-appoġġ għas-sostituzzjoni jew il-immodernizzar ta' magni prinċipali jew anċillari huwa kkondizzjonat fuq bilanċ bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd, li skontu s-settur tas-sajd kostali fuq skala żgħira se jiġi prijoritizzat.

Fil-qafas ta' PKS ġdida potenzjali, ir-rapporteur tissuġġerixxi li tkun possibbli żieda fl-intensità ta' għajjuna għas-sostituzzjoni ta' magni prinċipali jew anċillari tar-reġjuni ultraperiferiċi sabiex jitqiesu l-kondizzjonijiet klimatiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi.

### **Żvilupp lokali mmexxi mill-Komunità**

Ir-rapporteur iqis li l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità huwa strument tajjeb għal appoġġ strutturali u finanzjarju. L-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jinbet mill-idea li jitlaqqgħu flimkien atturi pubbliċi, privati u ċivili għall-promozzjoni taż-żoni tas-sajd lokali – eż. jista' jwassal għall-ġenerazzjoni ta' prodotti ta' kwalità għolja permezz tal-professionalizzazzjoni tas-settur (upstream u downstream) u tiġi żviluppata l-infrastruttura li tippermetti l-ħatt l-art. Il-gruppi ta' azzjoni lokali tas-sajd (FLAGs) huma appoġġjati mill-FEMS u minn fondi oħra. L-għajjuna għall-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità tista' tammontaw għal bejn 50 % u 100 %.

S'issa din il-faċilità ntużat biss sa ċertu punt. Il-programm operattiv attwali ta' Franza ma jispeċifikax jekk il-FLAGs humiex previsti fir-reġjuni ultraperiferiċi Franċiżi. Il-programm operattiv Portugiż ma jippreċiżax jekk il-FLAGs humiex previsti għal Madeira. Tliet FLAGs qed jiġu kkontemplati għall-Azores, l-ebda wieħed għall-Gżejjer Kanarji. Fir-reġjuni ultraperiferiċi l-akkwakultura ftit li xejn hija żviluppata iżda għandha potenzjal meta pereżempju kumpaniji lokali jispeċjalizzaw fi speċijiet lokali għas-suq tal-esportazzjoni.

### **Ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli**

Bħalissa, l-ebda ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli ma ġie konkluż ma' pajjiż terz fl-Atlantiku Ċentrali tal-Punent li taffettwa l-Guyana Franċiża, Guadeloupe, Saint Martin, u Martinique.

L-eżistenza ta' speċijiet migratorji, il-prevalenza tas-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, u l-impatti indiretti pożittivi potenzjali tal-ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli fuq l-industrija lokali (upstream u downstream) u l-evalwazzjonijiet rispettivi tal-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli eżistenti jissuġġerixxu li l-konklużjoni ta' ftehim ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli ma' pajjiżi terzi biswit xulxin tkun vantaġġjuża għall-flotot tas-sajd tar-reġjuni ultraperiferiċi.

Għaldaqstant, ir-rapporteur titlob lill-Kummissjoni żżomm ħarsitha fuq il-koerenza bejn id-dimensjoni interna u esterna tal-PKS. Fil-każ ta' Mayotte, hemm fis-seħħ ftehim speċifiku, il-ftehim ta' aċċess bejn l-UE u s-Seychelles. Dan jikkonċerna l-aċċess ta' bastimenti li jtajru l-bandiera tas-Seychelles għall-ilmijiet ta' Mayotte. Il-pagamenti tal-bastimenti tas-Seychelles huma maħsuba għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet f'Mayotte. Franza hija responsabbli mill-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-pagamenti. Hija għandha tirrapporta lill-Kummissjoni darba fis-sena. Ir-rapporteur tixtieq tisħaq fuq l-importanza ta' għoti ta' ħlasijiet effiċjenti u bla dewmien lil Mayotte minn Franza.



## **Rakkomandazzjonijiet u konklużjonijiet**

L-għan prinċipali u r-raġuni ewlenija għal dan ir-rapport huma s-sejħa tar-reġjuni ultraperiferiċi għal possibilitajiet ta' tiġdid u immodernizzar tal-flotot tagħhom. Huma jsostnu li l-karatteristiċi partikolari tar-reġjuni ultraperiferiċi jiġġustifikaw it-tiġdid u l-modernizzazzjoni tal-flotot.

Is-sikurezza jew pjuttost nuqqas ta' sikurezza abbord huwa predominanti fir-reġjuni ultraperiferiċi.

Jeżisti finanzjament fil-livell tal-UE u l-FEMS iqis il-kondizzjonijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi. Meta mqabbla mal-kontinent, ir-reġjuni ultraperiferiċi jirċievu żieda ta' 35 %, eċċezzjonali għas-sostituzzjoni tal-magni.

Dewmien fl-approvazzjoni tal-programmi operattivi tal-Istati Membri wassal għal problemi severi għal proġetti fil-perjodu tranżitorju. Madankollu, ir-reġjuni ultraperiferiċi xorta se jkollhom il-possibiltà li jużaw il-vantaġġi ta' żieda fl-intensità ta' għajjuna pubblika u l-iskemi ta' kumpens.

F'dak li għandu x'jaqsam mas-sostituzzjoni tal-magni, jiġifieri l-immodernizzar, ir-rapporteur tissuġġerixxi appoġġ għal mezzi li jgħinu biex jiġu miġġielda l-impatti klimatiċi negattivi ppruvati fuq bastimenti taħt PKS futura potenzjali.

Ir-rapporteur hija konvinta wkoll li aktar sforzi fil-qafas tal-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità jistgħu jgħinu biex jiġu ristrutturati is-settur u l-provvista u jitwaqqfu faċilitajiet tal-port meħtieġa. Hija tinnotta wkoll li l-immodernizzar jista' jwassal għal żieda u diversifikazzjoni aħjar tal-attivitajiet tas-sajd.

Kwalunkwe mezz li jiġi propost fil-futur għandu jiggarantixxi s-sajd sostenibbli u l-istokkijiet ta' ħut b'saħħithom.

Għandu jsir kull sforz possibbli biex is-setturi tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi ma jħossuhomx żvantaġġjati.

7.3.2017

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi  
(2016/2016(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Esteban González Pons

### SUĖĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), fl-Artikolu 349 tiegħu, jieħu kont tal-ispeċifità jiet tar-reġjuni ultraperiferiċi u jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri speċifiċi f'tali reġjuni fil-qafas ta' politiki komuni, bħalma hija l-politika tas-sajd;
- B. billi r-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) jirrikonoxxi l-elementi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi u jippermetti approċċ differenzjat f'dawk ir-reġjuni;
- C. billi l-flotta tas-sajd ibbażata fir-reġjuni ultraperiferiċi hija magħmula b'mod predominanti minn dgħajjes antiki b'tul ta' anqas minn 12-il metru, li fil-passat ma bbenefikawx minn għajjnuna għall-immodernizzar tal-bastimenti, u billi dan jipperikola s-sigurtà tal-bastimenti u jaffettwa l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord;
- D. billi fir-reġjuni ultraperiferiċi l-kriżi ekonomika nħasset b'mod partikolari u billi s-setturi tas-sajd tagħhom għandhom jitqiesu fi sfond ta' sitwazzjonijiet strutturali, soċjali u ekonomiċi partikolari;
- E. billi d-dewmien fl-adozzjoni tar-regolament tal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) u fl-approvazzjoni tal-Programmi Operattivi tal-FEMS u konsegwentement l-implimentazzjoni tard ta' dispożizzjonijiet ta' appoġġ tal-FEMS irriżultaw f'diffikultajiet finanzjarji serji għal xi impriżi fir-reġjuni ultraperiferiċi;
1. Jieħu nota tad-dispożizzjonijiet ġenerali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 508/2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd f'dak li għandu x'jaqsam mal-għajjnuna għat-titjib tal-bastimenti, iżda jiddispijaċih li r-Regolament inkwistjoni ma

jinkludix miżuri speċifiċi li jieħdu kont tal-ispeċifitàjiet u l-qagħda tal-flotot f'tali territorji;

2. Josserva d-diffikultajiet jew saħansitra l-impossibbiltà għal ċerti sajjieda fir-reġjuni ultraperiferiċi li jkollhom aċċess għal kreditu u/jew assigurazzjoni għall-bastimenti tagħhom;
3. Jistieden lill-Kummissjoni biex, bil-ħsieb tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, teżamina l-introduzzjoni ta' għajjnuna għat-tiġdid gradwali tal-flotot tas-sajd ta' skala żgħira fir-reġjuni ultraperiferiċi, bil-għan li jittejjbu s-sigurtà u l-effiċjenza tagħhom, dment li dan ma jagħtix lok għal żieda fil-kapaċità tas-sajd u ma jkunx għad-detriment tal-baġit u s-sostenibbiltà tar-riżorsi;
4. Jistieden lill-Kummissjoni biex, meta tkun qed tipproponi atti delegati fir-rigward tal-kriterji għall-kalkolu tal-ispejjeż addizzjonali li jirriżultaw min-nuqqasijiet speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, tqis ukoll l-impatt tal-kundizzjonijiet klimatiċi u ġeografiċi;
5. Jipproponi żieda fl-intensità tal-għajjnuna għas-sostituzzjoni tal-magni fir-reġjuni ultraperiferiċi fejn l-evidenza xjentifika tindika li l-kundizzjonijiet klimatiċi u t-tibdil fil-klima għandhom impatt negattiv deċiżiv fuq il-flotot tas-sajd ta' dawk ir-reġjuni;
6. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex, fl-interess tal-iżvilupp tas-setturi tas-sajd lokali tar-reġjuni ultraperiferiċi, jipromwovu l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u s-sinerġiji bejn il-fondi kollha inkorporati fil-qafas strateġiku komuni u l-istrumenti u l-politiki Ewropej rilevanti l-oħrajn, f'konformità mal-istrateġija tal-UE għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv;
7. Jitlob li tkompli tiġi segwita t-triq lejn is-semplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE sabiex jiġi aġevolat l-aċċess tal-flotta tar-reġjuni ultraperiferiċi għall-fondi Ewropej;
8. Jirakkomanda li, fil-ġejjieni, il-Politika Komuni tas-Sajd tikkunsidra bis-sħiħ l-elementi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi u tippermettilhom iwettqu l-potenzjal ekonomiku, soċjali u ambjentali qawwi ġġenerat mill-iżvilupp razzjonali tas-setturi tas-sajd tagħhom;
9. Jipproponi, għalhekk, il-ħolqien ta' fond speċifiku għas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi wara l-2020, li jkun ibbażat fuq il-mudell tal-Programm ta' Soluzzjonijiet Speċifiċi Relatati mal-Periferiċità u l-Insularità (POSEI), li diġà wera l-effikaċja tiegħu fl-appoġġ għall-agrikoltura f'dawk ir-reġjuni; Jirakkomanda, b'mod partikolari, li tali fond, b'konformità mal-oġġettivi tas-sajd sostenibbli u ta' stokkijiet b'saħħithom, jippermetti li tingħata għajjnuna għat-tiġdid tal-flotta f'dawk ir-reġjuni, inklużi bastimenti tas-sajd artiġġjanali u tradizzjonali li jħottu l-qabdiet tagħhom fil-portijiet tagħhom.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	6.3.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 29 -: 3 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jonathan Arnott, Jean Arthuis, Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Gérard Deprez, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Esteban González Pons, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Bernd Kölmel, Vladimír Maňka, Siegfried Mureşan, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Jordi Solé, Patricija Šulin, Eleftherios Synadinos, Indrek Tarand, Tiemo Wölken, Stanisław Żółtek
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jean-Paul Denanot, Anneli Jäätteenmäki, Louis Michel, Andrey Novakov, Tomáš Zdechovský
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Inés Ayala Sender, Olle Ludvigsson, Ulrike Rodust, Birgit Sippel

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

29	+
ALDE	Jean Arthuis, Gérard Deprez, Anneli Jäätteenmäki, Louis Michel
ECR	Richard Ashworth, Bernd Kölmel
GUE/NGL	Liadh Ní Riada
PPE	Reimer Böge, Lefteris Christoforou, José Manuel Fernandes, Esteban González Pons, Ingeborg Gräßle, Monika Hohlmeier, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Paul Rübig, Tomáš Zdechovský, Patricija Šulin
S&D	Inés Ayala Sender, Jean-Paul Denanot, Eider Gardiazabal Rubial, Olle Ludvigsson, Vladimír Maňka, Birgit Sippel, Kathleen Van Brempt, Tiemo Wölken
Verts/ALE	Jordi Solé, Indrek Tarand

3	-
EFDD	Jonathan Arnott
ENF	Stanislaw Żółtek
Mhux affiljati	Eleftherios Synadinos

1	0
S&D	Ulrike Rodust

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

10.2.2017

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar il-ġestjoni tal-flotot tas-sajd fir-Reġjuni Ultraperiferiċi  
(2016/2016(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Younous Omarjee

### SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. wara li kkunsidra l-Artikoli 3, 38, 43 u 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
2. billi, minkejja l-limitazzjonijiet li huma speċifiċi għar-reġjuni ultraperiferiċi kif stabbiliti fl-Artikolu 349 tat-TFUE, is-settur tas-sajd jipprovdi vantaġġi u potenzjal sostanzjali għall-iżvilupp;
3. billi r-reġjuni ultraperiferiċi huma karatterizzati b'mod partikolari minn utilizzazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u minn flotot prinċipalment magħmula minn bastimenti qodma u żgħar;
4. Ifakkar li ż-Żoni Ekonomiċi Esklussivi tar-reġjuni ultraperiferiċi jirrappreżentaw 2 507 537 km<sup>2</sup> jew l-ekwivalenti tat-total ta' Żoni Ekonomiċi Esklussivi kontinentali tal-Unjoni Ewropea;
5. Ifakkar li l-iżolament tar-reġjuni ultraperiferiċi ġie rikonoxxut u jitqies bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, fatt li jiġġustifika u jippermetti l-istabbiliment ta' reġim ta' kumpens għall-ispejjeż addizzjonali għas-sajd u l-akkwakultura f'dawn ir-reġjuni;
6. Jenfasizza li l-appoġġ tal-attività tas-sajd sostenibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi huwa kruċjali biex jiġi żgurat l-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali ta' dawn ir-reġjuni, kif ukoll l-iżvilupp sħiħ tal-potenzjal tagħhom; jenfasizza wkoll li fir-reġjuni ultraperiferiċi, is-sajd jirrappreżenta settur kreattiv ta' impjiegi u jgħin biex imantni l-popolazzjonijiet lokali u biex huma jsiru aktar prosperi u b'saħħithom; jitlob li jsir kull sforz biex l-industrija tas-sajd issir dejjem iktar pilastru għall-iżvilupp lokali ta' dawn ir-

reġjuni, b'mod partikolari bl-appoġġ tal-ħolqien u l-konsolidazzjoni tas-setturi tas-sajd f'dawk ir-reġjuni u favur is-swieq lokali, b'mod partikolari fil-katina tal-provvista tal-prodotti tas-sajd;

7. Jenfasizza r-rabta bejn is-sigurtà alimentari u l-implimentazzjoni tas-sajd sostenibbli fir-reġjuni ultraperiferiċi; f'dan il-kuntest, jisħaq fuq il-ħtieġa għall-parteċipazzjoni tas-sajd lokali fil-kisba tas-sigurtà alimentari tal-popolazzjonijiet lokali, peress li s-sigurtà alimentari hija llum dipendenti wisq fuq l-importazzjonijiet fir-reġjuni ultraperiferiċi;
8. Jagħraf li l-komplessità tal-leġiżlazzjoni Ewropea, u l-perssjoni li qed timponi b'mod partikolari fil-livell tad-dritt tal-kompetizzjoni, jistgħu jkunu ta' xkiel għall-ħolqien u l-iżvilupp tas-setturi tas-sajd; jitlob simplifikazzjoni jew modifika fil-kuntest tar-reviżjonijiet futuri tar-regolamenti sabiex tiġi ffaċilitata l-organizzazzjoni tas-sajjieda f'setturi fir-reġjuni ultraperiferiċi biex ikollhom aċċess għall-fondi, sabiex jimmassimizzaw il-prestazzjoni tal-finanzjament tal-Unjoni Ewropea u biex jimmassimizzaw l-opportunitajiet tas-sajd f'dawn ir-reġjuni kif ukoll il-ħolqien ta' attivitajiet ekonomiċi tax-xogħol addizzjonali bħala tali fi ħdan is-settur, filwaqt li titkompla l-ġlieda kontra l-frodi u jiġi żgurat l-użu sostenibbli tal-kapital tas-sajd f'dawn ir-reġjuni;
9. Ifakkar li l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), imfasslin biex jindirizzaw il-problemi u l-isfidi tal-Ewropa kontinentali, jirrispondu b'mod limitat għall-ispeċifitàjiet tas-sajd f'dawn ir-reġjuni, li ma jistgħux japplikaw b'mod uniformi għall-isfidi u l-ispeċifitàjiet tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi u li jeħtieġ li jkollhom ċertu grad ta' flessibilità u prammatiżmu jew ikunu suġġetti għal derogi; jitlob ukoll għall-istabbiliment ta' strateġija f'kull baċir tal-baħar reġjonali u li tkun adattata għas-sitwazzjoni partikolari ta' kull wieħed mir-reġjuni ultraperiferiċi;
10. Jitlob lill-Unjoni Ewropea biex, b'mod parallel għall-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sostenibilità u ta' iżvilupp sostenibbli stabbiliti fil-qafas tal-PKS, tisfrutta l-potenzjal eċċezzjonali tas-sajd tar-reġjuni ultraperiferiċi;
11. Jitlob l-applikazzjoni sħiħa u uniformi tal-Artikolu 349 tat-TFUE fil-politiki, ir-regolamenti, il-fondi u l-programmi tal-Unjoni Ewropea relatati mal-politika tas-sajd tal-Unjoni u, b'mod partikolari, fil-FEMS;
12. Jikkunsidra li hu essenzjali li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi dwar il-flotot tar-reġjuni ultraperiferiċi;
13. Jinnota li, minħabba l-ispeċifitàjiet tar-reġjuni ultraperiferiċi, b'mod partikolari d-diffikultajiet klimatiċi, is-sajjieda ta' dawn ir-reġjuni qed jindirizzaw it-tixjiħ bikri tal-bastimenti tagħhom li qed jikkawża problemi għas-sikurezza u l-effikaċja tagħhom, u jagħmel il-kundizzjonijiet tax-xogħol inqas attraenti minn f'bastimenti moderni; iqis li l-ostakli attwali għandhom jitneħħew sabiex jiġu indirizzati aħjar l-ispeċifitàjiet tar-reġjuni ultraperiferiċi billi jkunu possibbli t-tiġdid u l-modernizzazzjoni tal-flotot tradizzjonali jew artiġjanali - inkluż għas-sajd għall-gambli - li jħottu l-art il-qabdiel kollha tagħhom fil-portijiet tar-reġjuni ultraperiferiċi u jikkontribwixxu għall-iżvilupp lokali u sostenibbli tal-industrija tas-sajd tar-reġjuni ultraperiferiċi billi jsostnu s-suq tax-xogħol li jirriżulta, skont l-obbligi internazzjonali tal-Unjoni u b'mod partikolari r-

rekwiżit li ma tingħatax għajnuna Statali li tista' twassal għal sajd żejjed; jinsisti fuq l-importanza tas-sajd fuq skala żgħira għas-swieq tax-xogħol lokali u fuq il-potenzjal tal-FEMS fi proċessi minn isfel għal fuq, fir-reġjuni kostali b'mod partikolari;

14. Jitlob lill-Kummissjoni biex, fuq il-mudell tal-POSEI għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi, tesplora l-possibilità li toħloq, fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, strument iddedikat speċifikament għall-appoġġ tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi u li verament jippermetti l-valorizzazzjoni tal-potenzjal straordinarju tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi;
15. Jinnota bi tħassib li l-konsegwenzi soċjoekonomiċi ta' din is-sitwazzjoni huma partikolarment serji fir-reġjuni ultraperiferiċi li diġà qed ibatu minn livelli għolja ta' qgħad (24.6 % f'La Réunion, b'rata ta' qgħad fost iż-żgħażaġh ta' 52.4 %), u li l-livell baxx ta' investimenti fil-flotot tas-sajd ma jippermettix li jittieħdu miżuri favur l-impjiegi, l-attraenza, il-ħiliet u t-taħriġ tas-sajjieda (potenzjali);
16. Jitlob lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali jidentifikaw u jippromwovu l-użu tal-Fondi Ewropej tal-koeżjoni, u b'mod partikolari tal-FEŻR, il-FAEŻR, il-FEMS jew saħansitra l-FSE, biex isaħħu l-investimenti għall-infrastrutturi meħtieġa għall-iżvilupp tas-setturi tas-sajd lokali fir-reġjuni ultraperiferiċi; jinkoraġġixxi b'mod partikolari l-investimenti fil-proġetti tar-rivalutazzjoni tal-impjiegi tas-sajd, fit-taħriġ u l-proġetti li jippromwovu l-attraenza u l-involviment taż-żgħażaġh, kif ukoll fil-proġetti innovattivi li għandhom bħala l-għan tagħhom is-sostenibilità tas-sajd u l-introduzzjoni ta' tekniki ta' sajd selettiv u l-iżvilupp ta' setturi koresponsabbli filwaqt li jinħolqu sinerġiji bejn il-Fondi Strutturali u programmi oħra tal-Unjoni;
17. Jitlob lill-Kummissjoni tiffaċilita l-aċċess ta' atturi u tas-setturi tas-sajd tar-reġjuni ultraperiferiċi għall-istrumenti finanzjarji Ewropej kollha possibbli; jistieden lill-Kummissjoni tqis iktar is-sitwazzjoni ġeografika strateġika tar-reġjuni ultraperiferiċi u r-rwol li jistgħu jaqdu biex ikun żgurat li l-ibħra, l-oċeani u r-reġjuni kostali huma sfruttati b'mod sostenibbli, kif ukoll fil-governanza marittima dinjija u fl-iżvilupp ta' ekonomija tal-għarfien ibbażata fuq il-baħar;
18. Jiddispijaċih li r-reġjuni ultraperiferiċi ilhom ma jibbenefikaw minn appoġġ għall-modernizzazzjoni tal-flotta tagħhom u għaż-żieda tal-kapaċità tas-sajd tagħhom sa mis-snin 90, u li n-nuqqas ta' koerenza bejn l-aspetti interni u esterni tal-politiki tal-UE fil-qasam tas-sajd johlqo tfixkil kbir fl-iżvilupp ta' dan is-settur fir-reġjuni ultraperiferiċi, u b'hekk jillimita l-possibilitajiet biex tittaffa dik li tissejjaħ "sanzjoni doppja"; jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt għar-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej kull meta dawn jiġu affettwati mill-ftehimiet dwar is-sajd u l-ftehimiet kummerċjali; jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina aħjar il-politika kummerċjali tagħha mal-politiki settorjali l-oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari tal-PKS; jitlob li jiġu kkunsidrati b'mod ġenwin l-interessi tar-reġjuni ultraperiferiċi meta jiġu konklużi ftehimiet, b'mod partikolari permezz tal-obbligu ta' ħatt l-art fir-reġjuni ultraperiferiċi jew l-impjeg ta' persunal li joriġina mir-reġjuni ultraperiferiċi fuq il-bastimenti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li l-partijiet interessati lokali jitqiegħdu fil-qalba tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet dwar flotot tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi; huwa konvint dwar l-importanza li jiġi żgurat li s-sajjieda tar-reġjuni ultraperiferiċi jkollhom aċċess għal informazzjoni li tispjegalhom kif huma



jistgħu jibbenefikaw minn miżuri ta' appoġġ proposti bħalissa fl-Unjoni;

19. Jitlob lill-Unjoni tipprijoritizza l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU), li jikkostitwixxi ostaklu għall-iżvilupp sod u sostenibbli tas-settur tas-sajd, fl-azzjoni tagħha fil-livell internazzjonali, inkluż fil-qafas tan-negozjati dwar il-ftehimiet ekonomiċi, kummerċjali u tas-sajd, u biex tipprevedi sistemi speċifiċi għal din il-ġlieda fiż-Żoni Ekonomiċi Esklussivi tar-reġjuni ultraperiferiċi;
20. Jitlob li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-impatt tal-kriżi finanzjarja u l-impatti ekonomiċi sinifikanti li jfixklu l-użu sħiħ tal-arranġamenti speċifiċi għall-immodernizzar tal-flotot tar-reġjuni ultraperiferiċi (Regolament (KE) Nru 639/2004);
21. Ifakkar li r-reġjuni ultraperiferiċi jiddependu mir-riżorsi tal-baħar taż-Żoni Ekonomiċi Esklussivi tagħhom, u dan joħloq fraġilità kbira fuq livell bijoloġiku, u li għalhekk huwa rilevanti li ż-żoni fraġli tagħhom jiġu protetti b'mod xieraq u effikaċi, b'mod partikolari permezz tal-aċċess esklussiv tagħhom għall-flotot lokali li joperaw b'irkapti tas-sajd sostenibbli li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent filwaqt li jitnaqqas l-impatt negattiv tas-sajd IUU fuq dawn iż-żoni. iqis, f'dan ir-rigward, li huwa kruċjali li data affidabbli dwar l-istat tar-riżorsi u l-prattiki f'dawn fiż-Żoni Ekonomiċi Esklussivi ultramarittimi tkun disponibbli u aċċessibbli;
22. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma rnexxilhiex tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 639/2004 qabel l-iskadenza tat-30 ta' Ġunju 2012; iqis li hija tilfet opportunità tajba, peress li din il-pubblikazzjoni kienet tkun tikkostitwixxi sors ta' informazzjoni imprezzabbli għal derogi potenzjali futuri għas-sistema ta' ġestjoni tad-dħul u l-ħruġ tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp tal-flotot tas-sajd fir-reġjuni ultraperiferiċi; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi aktar informazzjoni dwar ir-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni li ma tippubblikax dan ir-rapport.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	6.2.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 26 -: 0 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Franc Bogovič, Victor Boştinaru, Rosa D’Amato, Michela Giuffrida, Krzysztof Hetman, Constanze Krehl, Jens Nilsson, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Mirosław Piotrowski, Stanislav Polčák, Terry Reintke, Liliana Rodrigues, Monika Smolková, Ramón Luis Valcárcel Siso, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij, Joachim Zeller
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Petras Auštrevičius, Andor Deli, Maurice Ponga, Bronis Ropė, Branislav Škripek, Hannu Takkula, Julie Ward
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sofia Ribeiro

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	22.3.2017
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 18 -: 2 0: 6
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Marco Affronte, Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Alain Cadec, David Coburn, Richard Corbett, Diane Dodds, Linnéa Engström, João Ferreira, Mike Hookem, Ian Hudghton, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, António Marinho e Pinto, Gabriel Mato, Norica Nicolai, Ulrike Rodust, Annie Schreijer-Pierik, Ricardo Serrão Santos, Isabelle Thomas, Ruža Tomašić, Peter van Dalen, Jarosław Wałęsa
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Norbert Erdős, Jens Gieseke, Julie Girling, Cláudia Monteiro de Aguiar
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Josu Juaristi Abaunz, Helmut Scholz

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

18	+
ALDE	António Marinho e Pinto, Norica Nicolai
GUE/NGL	Josu Juaristi Abaunz, Helmut Scholz
PPE	Alain Cadec, Carlos Iturgaiz, Werner Kuhn, Gabriel Mato, Cláudia Monteiro de Aguiar, Annie Schreijer-Pierik, Jarosław Wałęsa
S&D	Clara Eugenia Aguilera García, Renata Briano, Richard Corbett, Ulrike Rodust, Ricardo Serrão Santos, Isabelle Thomas
Verts/ALE	Ian Hudghton

2	-
EFDD	David Coburn, Mike Hookem

6	0
ECR	Julie Girling, Ruža Tomašić, Peter van Dalen
Verts/ALE	Marco Affronte, Linnéa Engström
NI	Diane Dodds

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni